ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 62

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

11 ta' Marzu 2010

Werrej

III *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 121/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 1

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 122/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE** ..... 5

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 123/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 7

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 124/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertfikazzjoni) u l-Anness IV (l-enerġija) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE** ..... 9

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 125/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 11

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 126/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 13

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: 4 EUR**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 127/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 14

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 128/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 16

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 129/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 18

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 130/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 20

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 131/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 21

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 132/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 22

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 133/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 24

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 134/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 25

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 135/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 26

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE No 136/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 28

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 137/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 30

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 138/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 31

MT

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

III

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

**Nru 121/2009**

**tal-4 ta' Diċembru 2009**

**li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 105/2009 tat-22 ta' Ottubru 2009 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 202/2009 tas-16 ta' Marzu 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 600/2005 fir-rigward tal-użu tal-preparazzjoni ta' *Bacillus licheniformis* DSM 5749 u *Bacillus subtilis* DSM 5750 f'għalf kompost li fih il-lasalocid sodium [2] għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 203/2009 tas-16 ta' Marzu 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1137/2007 fir-rigward tal-użu tal-addittiv *Bacillus subtilis* (035) fl-għalf li fih id-decoquinate u n-narasin/nicarbazin [3] għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 214/2009 tat-18 ta' Marzu 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1800/2004 fir-rigward tat-termini tal-awtorizzazzjoni tal-addittiv għall-użu fl-għalf Cycostat 66G [4] għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 232/2009 tad-19 ta' Marzu 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid ta' *Saccharomyces cerevisiae* NCYC Sc47 bħala addittiv fl-għalf għall-bufli tal-ħalib (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Société Industrielle Lesaffre) [5] għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 270/2009 tat-2 ta' April 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' 6-phytase bħala addittiv fl-għalf għat-tiġieġ għat-tismin (id-detentur tal-awtorizzazzjoni DSM Nutritional Products Ltd irrappreżentat minn DSM Nutritional products Sp. Z o.o.) [6] għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

[1] ĠU L 334, 17.12.2009, p. 1.
[2] ĠU L 71, 17.3.2009, p. 8.
[3] ĠU L 71, 17.3.2009, p. 11.
[4] ĠU L 73, 19.3.2009, p. 12.
[5] ĠU L 74, 20.3.2009, p. 14.
[6] ĠU L 91, 3.4.2009, p. 3.

(7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2009 tat-2 ta' April 2009 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' endo-1,4 beta-xylanase u endo-1,4-beta-glucanase bħala addittiv fl-għalf għall-ħnienes miftuma, tiġieġ għat-tismin, tiġieġ li jbid, dundjani għat-tismin u papri għat-tismin (detentur tal-awtorizzazzjoni BASF SE) ([1]), kif korrett permezz tal-ĠU L 94, 8.4.2009, p. 112, għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 322/2009 tal-20 ta' April 2009 li jikkonċerna l-awtorizzazzjonijiet permanenti u provviżorji ta' ċerti addittivi fl-għalf ([2]) għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(9) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2009 tat-8 ta' Mejju 2009 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid ta' preparazzjoni ta' *Bacillus cereus var. toyoi* bħala addittiv tal-għalf għall-fenkiet għat-trobbija (detentur tal-awtorizzazzjoni Rubinum S.A.) ([3]) għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim

(10) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 379/2009 tat-8 ta' Mejju 2009 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tas-6-phytase EC 3.1.3.26 bħala addittiv fl-għalf għal tiġieġ għat-tismin, dundjani għat-tismin, tiġieġ li jbid, papri għat-tismin, ħnienes (miftuma), ħnieżer għat-tismin u ħnieżer nisa (detentur tal-awtorizzazzjoni Danisco Animal Nutrition, entità legali Danisco (UK) Limited) ([4]) għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(11) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 386/2009 tat-12 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-twaqqif ta' grupp funzjonali ġdid ta' additivi tal-għalf ([5]) għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(12) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 403/2009 tal-14 ta' Mejju 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni tal-valine bħala addittiv fl-għalf ([6]) għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(13) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/8/KE tal-10 ta' Frar 2009 li temenda l-Anness I għad-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' koċċidijostati jew istomonostati mit-trażmissjoni inevitabbli ta' dawn is-sustanzi fil-għalf mhux fil-mira ([7]) għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim

(14) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 1a (ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

", kif emendat minn:

— **32009 R 0386**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 386/2009 tat-12 ta' Mejju 2009 (ĠU L 118, 13.5.2009, p. 66)."

(2) L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 1zzd (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2004):

"— **32009 R 0214**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 214/2009 tat-18 ta' Marzu 2009 (ĠU L 73, 19.3.2009, p. 12)."

([1]) ĠU L 91, 3.4.2009, p. 5.
([2]) ĠU L 101, 21.4.2009, p. 9.
([3]) ĠU L 116, 9.5.2009, p. 3.
([4]) ĠU L 116, 9.5.2009, p. 6.
([5]) ĠU L 118, 13.5.2009, p. 66.
([6]) ĠU L 120, 15.5.2009, p. 3.
([7]) ĠU L 40, 11.2.2009, p. 19.

(3) L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 1zzj (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 600/2005):

"— **32009 R 0202**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 202/2009 tas-16 ta' Marzu 2009 (ĠU L 71, 17.3.2009, p. 8)."

(4) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 1zzzy (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1137/2007):

" , kif emendat minn:

— **32009 R 0203**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 203/2009 tas-16 ta' Marzu 2009 (ĠU L 71, 17.3.2009, p. 11)."

(5) L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 33 (id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32009 L 0008**: id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/8/KE tal-10 ta' Frar 2009 (ĠU L 40, 11.2.2009, p. 19)."

(6) Il-punti li ġejjin għandhom jiġu mdaħħla wara l-punt 1zzzzt (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 971/2008):

"1zzzzu. **32009 R 0232**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 232/2009 tad-19 ta' Marzu 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid ta' *saccharomyces cerevisiae* NCYC Sc47 bħala addittiv fl-għalf għall-bufli tal-ħalib (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Société Industrielle Lesaffre) (ĠU L 74, 20.3.2009, p. 14).

1zzzzv. **32009 R 0270**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 270/2009 tat-2 ta' April 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' 6-phytase bħala addittiv fl-għalf għat-tiġieġ għat-tismin (id-detentur tal-awtorizzazzjoni DSM Nutritional Products Ltd irrappreżentat minn DSM Nutritional products Sp. Z o.o.) (ĠU L 91, 3.4.2009, p. 3).

1zzzzw. **32009 R 0271**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2009 tat-2 ta' April 2009 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' endo-1,4 beta-xylanase u endo-1,4-beta-glucanase bħala addittiv fl-għalf għall-ħnienes miftuma, tiġieġ għat-tismin, tiġieġ li jbid, dundjani għat-tismin u papri għat-tismin (detentur tal-awtorizzazzjoni BASF SE), (ĠU L 91, 3.4.2009, p. 5), kif korrett fil-ĠU L 94, 8.4.2009, p. 112.

1zzzzx. **32009 R 0322**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 322/2009 tal-20 ta' April 2009 li jikkonċerna l-awtorizzazzjonijiet permanenti u provviżjorji ta' ċerti addittivi fl-għalf (ĠU L 101, 21.4.2009, p. 9).

1zzzzy. **32009 R 0378**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2009 tat-8 ta' Mejju 2009 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid ta' preparazzjoni ta' Bacillus cereus var. toyoi bħala addittiv tal-għalf għall-fenkiet għat-trobbija (detentur tal-awtorizzazzjoni Rubinum S.A.) (ĠU L 116, 9.5.2009, p. 3).

1zzzzz. **32009 R 0379**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 379/2009 tat-8 ta' Mejju 2009 li tikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tas-6-phytase EC 3.1.3.26 bħala addittiv fl-għalf għal tiġieġ għat-tismin, dundjani għat-tismin, tiġieġ li jbid, papri għat-tismin, ħnienes (miftuma), ħnieżer għat-tismin u ħnieżer nisa (detentur tal-awtorizzazzjoni Danisco Animal Nutrition, entità legali Danisco (UK) Limited) (ĠU L 116, 9.5.2009, p. 6).

1zzzzza. **32009 R 0403**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 403/2009 tal-14 ta' Mejju 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni tal-valine bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 3)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nri 202/2009, 203/2009, 214/2009, 232/2009, 270/2009, 271/2009, 322/2009, 378/2009, 379/2009, 386/2009 u 403/2009 u d-Direttiva 2009/8/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta’ Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta’ Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda htiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 122/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 105/2009 tat-22 ta' Ottubru 2009 [1].

(2) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 78/2009 tat-3 ta' Lulju 2009 [2].

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 256/2009 tat-23 ta' Marzu 2009 li jemenda l-Annessi II u III għar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-azoxystrobin u l-fludioxonil f'ċerti prodotti jew fuqhom [3], kif ikkoreġut mill-ĠU L 208, 12.8.2009, p. 39, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 40 (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim:

"— **32009 R 0256**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 256/2009 tat-23 ta' Marzu 2009 (ĠU L 81, 27.3.2009, p. 3), kif korrett bil-ĠU L 208, 12.8.2009, p. 39".

*Artikolu 2*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 54zzy (ir-Regolament (KE) Nru 2005/396 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim:

"— **32009 R 0256**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 256/2009 tat-23 ta' Marzu 2009 (ĠU L 81, 27.3.2009, p. 3), kif korrett bil-ĠU L 208, 12.8.2009, p. 39".

*Artikolu 3*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 256/2009, kif ikkorreġuti bil-ĠU L 208, 12.8.2009, p. 39, fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

[1] ĠU L 334, 17.12.2009, p. 1.
[2] ĠU L 277, 22.10.2009, p. 27.
[3] ĠU L 81, 27.3.2009, p. 3.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 123/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 77/2009 tat-3 ta' Lulju 2009 (1).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/109/KE tad-9 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni ta' esperiment temporanju li jipprovdi għal ċerti derogi għat-tqegħid fis-suq ta' taħlitiet taż-żrieragħ intiżi għall-użu bħala pjanti tal-għalf skont id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE biex jiġi stabbilit jekk ċerti speċi li mhumiex imniżżla fid-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/55/KE jew 2002/57/KE jissodisfawx ir-rekwiżiti biex ikunu inklużi fl-Artikolu 2(1)(A) tad-Direttiva 66/401/KEE (2) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 53 (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/124/KE) fil-Parti 2 tal-Kapitolu III tal-Anness I mal-Ftehim:

"54. **32009 D 0109**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/109/KE tad-9 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni ta' esperiment temporanju li jipprovdi għal ċerti derogi għat-tqegħid fis-suq ta' taħlitiet taż-żrieragħ intiżi għall-użu bħala pjanti tal-għalf skont id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE biex jiġi stabbilit jekk ċerti speċi li mhumiex imniżżla fid-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/55/KE jew 2002/57/KE jissodisfawx ir-rekwiżiti biex ikunu inklużi fl-Artikolu 2(1)(A) tad-Direttiva 66/401/KEE (ĠU L 40, 11.2.2009, p. 26)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2009/109/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

(1) ĠU L 277, 22.10.2009, p. 25.
(2) ĠU L 40, 11.2.2009, p. 26.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 124/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertfikazzjoni) u l-Anness IV (l-enerġija) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 132/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 ([1]).

(2) L-Anness IV tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 81/2009 tat-3 ta' Lulju 2009 ([2]).

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/591/KE tat-30 ta' Ġunju 2008 Forum Konsultattiv dwar l-Eko-disinn ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 6 (id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu IV tal-Anness II tal-Ftehim:

"7. **32008 D 0591**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/591/KE tat-30 ta' Ġunju 2008 Forum Konsultattiv dwar l-Eko-disinn (ĠU L 190, 18.7.2008, p. 22)."

*Artikolu 2*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 26 (id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IV għall-Ftehim:

"26a. **32008 D 0591**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/591/KE tat-30 ta' Ġunju 2008 Forum Konsultattiv dwar l-Eko-disinn (ĠU L 190, 18.7.2008, p. 22)."

*Artikolu 3*

It-testi tad-Deċiżjoni 2008/591/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 100, 10.4.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 277, 22.10.2009, p. 32.
([3]) ĠU L 190, 18.7.2008, p. 22.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# Nru 125/2009

# tal-4 ta' Diċembru 2009

# li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 28/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 [1].

(2) Direttiva 2007/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f'xi parti tal-ġisem, id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE dwar mezzi mediċi u Direttiva 98/8/KE dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali [2] għandha tiddaħħal fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/ŻEE [3] ġiet inkorporata fil-Kapitolu IX u Kapitolu XXX tal-Anness II tal-Ftehim. Peress li d-Direttiva tikkonċerna strumenti mediċi, għandha ssir referenza għaliha biss fil-Kapitolu XXX. Ir-Referenza għad-Direttiva f'Kapitolu IX, għalhekk għandha titħassar.

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE [4] tikkonċerna mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f'xi parti tal-ġisem u r-referenza għal din id-Direttiva għandha għalhekk titneħħa minn Kapitolu X u titqiegħed fl-Artikolu XXX tal-Anness II mal-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness II tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 27a (Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE) tal-Kapitolu IX għandu jitħassar.

2. It-test tal-punt 7 (Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE) tal-Kapitolu X għandu jitħassar.

3. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 12n (Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV u fil-punt 1 (Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE) tal-Kapitolu XXX:

   "— **32007 L 0047**: Id-Direttiva 2007/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 (ĠU L 247, 21.9.2007, p. 21)."

4. Dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 6 (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/50/KE) tal-Kapitolu XXX:

   "7. **390 L 0385**: Id-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE tal-20 ta' Ġunju 1990 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f'xi parti tal-ġisem (ĠU L 189, tal-20.7.1990, p. 17), kif emendata b':

   — **393 L 0042**: Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 (ĠU L 169, 12.7.1993, p. 1),

(1) ĠU L 130, 28.5.2009, p. 21.
(2) ĠU L 247, 21.9.2007, p. 21.
(3) ĠU L 169, 12.7.1993, p. 1.
(4) ĠU L 189, 20.7.1990, p. 17.

— **393 L 0068**: Direttiva tal-Kunsill 93/68/KEE tat-22 ta' Lulju 1993 (ĠU L 220, 30.8.1993, p. 1),

— **32007 L 0047**: Direttiva 2007/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 (ĠU L 247, 21.9.2007, p. 21)

Għandhom japplikaw l-arranġamenti tranżitorji stabbiliti fl-Annessi tal-Att ta' Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 għall-Polonja (l-Anness XII, il-Kapitolu 1, il-Punt 1)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2007/47/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 126/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 78/2009 tat-3 ta' Lulju 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 565/2008 tat-18 ta' Ġunju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 li jistabbilixxi livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel fir-rigward tal-iffissar ta' livell massimu għal dijossini u PCBs fil-fwied tal-ħut ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-ftehim.

(3) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 54zzzz (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim:

"— **32008 R 0565**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 565/2008 tat-18 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 160, 19.6.2008, p. 20)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 565/2008 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

---

([1]) ĠU L 277, 22.10.2009, p. 27.
([2]) ĠU L 160, 19.6.2008, p. 20.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# Nru 127/2009

# tal-4 ta' Diċembru 2009

# li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjah 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 78/2009 tat-3 ta' Lulju 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1213/2008 tal-5 ta' Diċembru 2008 li jikkonċerna programm Komunitarju kkoordinat ta' kontroll multiannwali għall-2009, 2010 u 2011 sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali u biex tevalwa l-esponiment tal-konsumatur għalihom ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Wara l-punt 54zzzza (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim għandu jiddaħħal dan li ġej:

"54zzzzb. **32008 R 1213**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1213/2008 tal-5 ta' Diċembru 2008 li jikkonċerna programm Komunitarju kkoordinat ta' kontroll multiannwali għall-2009, 2010 u 2011 sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali u biex tevalwa l-esponiment tal-konsumatur għalihom (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 9).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattazzjonijiet li ġejjin:

(1) L-Artikolu 1 għandu jinqara bl-adattament li ġej:

'Matul l-2009, l-2010 u l-2011, l-Iżlanda tista' tkompli tanalizza għall-istess 61 pestiċida kif monitorati fl-affarijiet tal-ikel fis-suq tagħha fl-2008.'

(2) Fl-Anness II għandu jiżdied dan li ġej:

| | |
|---|---|
| 'IS | 12 (*)<br>15 (**) |
| NO | 12 (*)<br>15 (**)' " |

([1]) ĠU L 277, 22.10.2009, p. 27.
([2]) ĠU L 328, 6.12.2008, p. 9.

*Artikolu 2*

It-testi għar-Regolament (KE) Nru 1213/2008 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 128/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 62/2009 tas-29 ta' Mejju 2009 [1].

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 [2], kif ikkoreġut bil-ĠU L 87, 31.3.2009, p. 174, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1234/2008 tal-24 ta' Novembru 2008 li jikkonċerna l-eżami ta' varjazzjonijiet fit-termini tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u tal-prodotti mediċinali veterinarji [3] għandu jiġi inkorporat fil-ftehim.

(4) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/130/KE tal-11 ta' Diċembru 2006 li timplimenta d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-istabbiliment tal-kriterji għall-eżenzjoni ta' ċerti prodotti mediċinali veterinarji, għall-annimali li jipproduċu l-ikel mill-ħtieġa ta' preskrizzjoni veterinarja [4] għandha tiġi inkorporata fil-ftehim.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2008 jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1084/2003 [5] u (KE) Nru 1085/2003 [6] li huma inkorporati fil-Ftehim u għalhekk għandhom jitħassru taħt il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu XIII tal-Anness II għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 15q (id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32007 R 1394**: Ir-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 121), kif rettifikat mill-ĠU L 87, 31.3.2009, p. 174."

(2) Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 15zb (ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

", kif emendat minn:

— **32007 R 1394**: Ir-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 121), kif rettifikat mill-ĠU L 87, 31.3.2009, p. 174."

[1] ĠU L 232, 3.9.2009, p. 18.
[2] ĠU L 324, 10.12.2007, p. 121.
[3] ĠU L 334, 12.12.2008, p. 7.
[4] ĠU L 349, 12.12.2006, p. 15.
[5] ĠU L 159, 27.6.2003, p. 1.
[6] ĠU L 159, 27.6.2003, p. 24.

(3) It-test tal-punti 15r (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1084/2003) u 15s (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1085/2003) għandhom jitħassru.

(4) Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 15zf (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/28/KE):

"15zg. **32006 L 0130**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/130/KE tal-11 ta' Diċembru 2006 li timplimenta d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-istabbiliment tal-kriterji għall-eżenzjoni ta' ċerti prodotti mediċinali veterinarji, għall-annimali li jipproduċu l-ikel mill-ħtieġa ta' preskrizzjoni veterinarja (ĠU L 349, 12.12.2006, p. 15).

15zh. **32007 R 1394**: Ir-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 121) kif rettifikat bil-ĠU L 87, 31.3.2009, p. 174.

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

L-istati tal-EFTA għandhom ikunu għal kollox assoċjati mal-ħidma tal-Kumitat għal terapija Avvanzata, iżda mingħajr id-dritt tal-vot.

15zi. **32008 R 1234**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1234/2008 tal- 24 ta' Novembru 2008 li jikkonċerna l-eżami ta' varjazzjonijiet fit-termini tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u tal-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 7)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 1394/2007, kif korretti permezz tal-ĠU L 87, 31.3.2009, p. 174 u (KE) Nru 1234/2008, u Direttiva 2006/130/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għanda tidħol fis-seħħ fis-5 ta' Diċembru 2009, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikoli 103(1) tal-Ftehim, ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*) jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 61/2009 tad-29 ta' Mejju 2009, liema minn dawn jiġu fl-aktar stadju tard.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 129/2009

## tal-4 ta’ Diċembru 2009

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn ‘il quddiem imsejjah ‘il-Ftehim’, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 62/2009 tad-29 ta’ Mejju 2009 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 658/2007 tal-14 ta’ Ġunju 2007 li jikkonċerna l-penalitajiet finanzjarji għall-ksur ta’ ċerti obbligi fir-rigward ta’ awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq li ngħataw skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan il-punt li ġej għandu jkun miżjud wara l-punt 15zi (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1234/2008) ta’ Kapitolu XIII tal-Anness II mal-Ftehim:

“15zj. **32007 R 0658**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 658/2007 tal-14 ta’ Ġunju 2007 li jikkonċerna l-penalitajiet finanzjarji għall-ksur ta’ ċerti obbligi fir-rigward ta’ awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq li ingħataw skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 155, 15.6.2007, p. 10).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Id-dritt tal-impożizzjoni ta’ multi finanzjarji tad-detenturi ta’ awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni skont l-Artikolu 84(3) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 għandu fil-każi fejn id-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni huwa stabbilit fi Stat tal-EFTA jkun eżegwit minn dak l-Istat tal-EFTA abbażi ta’ proposta mill-Kummissjoni Ewropea.”

*Artikolu 2*

It-testi għar-Regolament (KE) Nru 658/2007 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

[1] ĠU L 232, 3.9.2009, p. 18.
[2] ĠU L 155, 15.6.2007, p. 10.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*) jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 61/2009 tad-29 ta' Mejju 2009, liema minn dawn jiġu fl-aktar stadju tard.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 130/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 28/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/58/KE tal-21 ta' Awwissu 2008 li temenda, bil-għan li tadatta għall-progress tekniku, għat-30 darba d-Direttiva tal-Kunsill Nru 67/548/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkjettar tas-sustanzi perikolużi ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE) tal-Kapitolu XV tal-Anness II għall-Ftehim:

"— **32008 L 0058**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/58/KE tal-21 ta' Awwissu 2008 (ĠU L 246, 15.9.2008, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2008/385/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

---

([1]) ĠU L 130, 28.5.2009, p. 21.
([2]) ĠU L 246, 15.9.2008, p. 1.
(*) Ma huma indikati l-ebda htiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 131/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 28/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/385/KE tal-24 ta' Jannar 2008 li temenda, għar-raġunijiet ta' adattament skont il-progress teknoloġiku, l-Anness tad-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet għall-applikazzjoni taċ-ċomb u l-kadmju ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 12q (id-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV tal-Anness II mal-Ftehim:

"— **32008 D 0385**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/385/KE tal-24 ta' Jannar 2008 (ĠU L 136, 24.5.2008, p. 9)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2008/385/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

---

([1]) ĠU L 130, 28.5.2009, p. 21.
([2]) ĠU L 136, 24.5.2008, p. 9.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 132/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 28/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali ([2]) għandu jiddaħħal fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1451/2007 jirrevoka r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2032/2003 ([3]) li hu inkorporat fil-Ftehim u għalhekk għandu jiġi rrevokat taħt il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim se jiġi emedat kif ġej:

1. L-inċiż (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2032/2003) tal-punt 12o (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1896/2000) għandu jitħassar.

2. It-test tal-punt 12s (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2032/2003) għandu jitħassar.

3. Il-punt li ġej għandu jiżdied wara l-punt 12zd (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/794/KE):

"12ze. **32007 R 1451**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali (ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3)."

*Artikolu 2*

It-testi għar-Regolament (KE) Nru 1451/2007 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 130, 23.5.2009, p. 21.
([2]) ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3.
([3]) ĠU L 307, 24.11.2003, p. 1.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 133/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 28/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 340/2008 tas-16 ta' April 2008 dwar il-miżati u ħlasijiet pagabbli lill-Aġenzija Ewropea dwar il-Kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) ([2]), għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 12ze (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007) tal-Kapitolu XV tal-Anness II mal-Ftehim:

"12zf. **32008 R 0340**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 340/2008 tas-16 ta' April 2008 dwar il-miżati u ħlasijiet pagabbli lill-Aġenzija Ewropea dwar il-Kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), (ĠU L 107, 17.4.2008, p. 6)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 340/2008 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

([1]) ĠU L 130, 28.5.2009, p. 21.
([2]) ĠU L 107, 17.4.2008, p. 6.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE
# Nru 134/2009
# tal-4 ta' Diċembru 2009
# li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 28/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/423/KE tat-8 ta' Mejju 2008 li tistabbilixxi data ta' skadenza ġdida għall-preżentazzjoni ta' dossiers għal ċerti sustanzi li għandhom jiġu eżaminati skont il-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiżdied wara l-punt 12zf (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 340/2008) tal-Kapitolu XV tal-Anness II mal-Ftehim:

"12zg. **32008 D 0423**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/423/KE tat-8 ta' Mejju 2008 li tistabbilixxi data ta' skadenza ġdida għall-preżentazzjoni ta' dossiers għal ċerti sustanzi li għandhom jiġu eżaminati skont il-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 79)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2008/423/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Oda Helen SLETNES

---

([1]) ĠU L 130, 28.5.2009, p. 21.
([2]) ĠU L 149, 7.6.2008, p. 79.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 135/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 28/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 [1].

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/85/KE tal-5 ta' Settembru 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l- thiabendazole bħala sustanza attiva fl-Anness I għaliha [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/86/KE tal-5 ta' Settembru 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l- thiabendazole bħala sustanza attiva fl-Anness I għaliha [3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/763/KE tad-29 ta' Settembru 2008 li tistabbilixxi, skont id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-bejgħ annwali ta' batteriji u akkumulaturi portabbli lil konsumaturi finali [4] għandha tiġi inkorporata f'dan il-ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu XV tal-Anness II għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jinżdied fil-punt 12n (id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32008 L 0085**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/85/KE tal-5 ta' Settembru 2008 (ĠU L 239, tas-6.9.2008, p. 6),

— **32008 L 0086**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/86/KE tal-5 ta' Serttembru 2008 (ĠU L 239, 6.9.2008, p. 9)."

2. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 12zg (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/423/KE):

"12zh. **32008 D 0763**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/763/KE tad-29 ta' Settembru 2008 li tistabbilixxi, skont id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-bejgħ annwali ta' batteriji u akkumulaturi portabbli lil konsumaturi finali għandha tiġi inkorporata f'dan il-ftehim (ĠU L 262, 1.10.2008, p. 39)."

---

[1] ĠU L 130, 28.5.2009, p. 21.
[2] ĠU L 239, 6.9.2008, p. 6.
[3] ĠU L 239, 6.9.2008, p. 9.
[4] ĠU L 262, 1.10.2008, p. 39.

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttivi 2008/85/KE u 2008/86/KE u d-Deċiżjoni 2008/763/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# No 136/2009

# tal-4 ta' Diċembru 2009

# li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjah 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 28/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/809/KE tal-14 ta' Ottubru 2008 dwar in-nuqqas ta' inklużjoni ta' ċerti sustanzi f'Annessi I, IA jew IB fid-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/831/KE tal-31 ta' Ottubru 2008 li tistabbilixxi data ta' skadenza ġdida għall-preżentazzjoni ta' dossiers għal ċerti sustanzi li għandhom jiġu eżaminati skont il-programm ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE ([3]) għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punti li ġejjin għandhom jidħlu wara l-punt 12zh (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/763/KE) tal-Kapitolu XV tal-Anness II mal-Ftehim:

"12zi. **32008 D 0809**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/809/KE tal-14 ta' Ottubru 2008 dwar in-nuqqas ta' inklużjoni ta' ċerti sustanzi f'Annessi I, IA jew IB fid-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali (ĠU L 281, 24.10.2008, p. 16).

12zj. **32008 D 0831**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/831/KE tal-31 ta' Ottubru 2008 li tistabbilixxi data ta' skadenza ġdida għall-preżentazzjoni ta' dossiers għal ċerti sustanzi li għandhom jiġu eżaminati skont il-programm ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE (ĠU L 295, 4.11.2008, p. 50)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2008/809/KE u 2008/831/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 130, 28.5.2009, p. 21.
([2]) ĠU L 281, 24.10.2008, p. 16.
([3]) ĠU L 295, 4.11.2008, p. 50.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*)

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 137/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 28/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/681/KE tat-28 ta' Lulju 2008 dwar in-nuqqas ta' inklużjoni tal-guazatine triacetate f'Annessi I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jidħol wara l-punt 12zj (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/831/KE) tal-Kapitolu XV tal-Anness II mal-Ftehim:

"12zk. **32008 D 0681**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/681/KE tat-28 ta' Lulju 2008 dwar in-nuqqas ta' inklużjoni tal-guazatine triacetate f'Annessi I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 222, 20.8.2008, p. 7)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2008/681/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*)

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

([1]) ĠU L 130, 28.5.2009, p. 21.
([2]) ĠU L 222, 20.8.2008, p. 7.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 138/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 132/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 [1].

(2) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/264/KE tal-25 ta' Marzu 2008 dwar rekwiżiti ta' sikurezza kontra n-nar li għandhom jiġu sodisfatti mill-istandards Ewropej għas-sigaretti skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/357/KE tat-23 ta' April 2008 dwar rekwiżiti ta' sikurezza għat-tfal li għandhom jiġu sodisfatti mill-istandards Ewropej għal-lajters skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 3k (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/502/KE) fil-Kapitolu XIX tal-Anness II għall-Ftehim:

"3l. **32008 D 0264:** Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/264/KE tal-25 ta' Marzu 2008 dwar rekwiżiti ta' sikurezza kontra n-nar li għandhom jiġu sodisfatti mill-istandards Ewropej għas-sigaretti skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 26.3.2008, p. 35).

3m. **32008 D 0357**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/357/KE tat-23 ta' April 2008 dwar rekwiżiti speċifiċi ta' sikurezza għat-tfal li għandhom jiġu sodisfatti mill-istandards Ewropej għal-lajters skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 120, 7.5.2008, p. 11)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2008/264/KE u 2008/357/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

---

[1] ĠU L 100, 10.4.2008, p. 1.
[2] ĠU L 83, 26.3.2008, p. 35.
[3] ĠU L 120, 7.5.2008, p. 11.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda htiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 139/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 31/2006 tal-10 ta' Marzu 2006 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/108/KE tat-3 ta' Frar 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2002/364/KE fir-rigward ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni f'apparat mediku djanjostiku *in vitro* ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 3 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/364/KE) fil-Kapitolu XXX tal-Anness II għall-Ftehim:

", kif emendat bid-:

— **32009 D 0108**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/108/KE tat-3 ta' Frar 2009 (ĠU L 39, 10.2.2009, p. 34)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2009/108/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*)

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

([1]) ĠU L 147, 1.6.2006, p. 48.
([2]) ĠU L 39, 10.2.2009, p. 34.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 140/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IV tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 81/2009 tas-3 ta' Lulju 2009 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/74/KE tal-21 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza għal produzzjoni separata ta' elettriċità u ta' sħana bl-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 28 (Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IV għall-Ftehim:

"29. **32007 D 0074**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/74/KE tal-21 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza għal produzzjoni separata ta' elettriċità u ta' sħana bl-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 32, 6.2.2007, p. 183)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2007/74/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

---

([1]) ĠU L 277, 22.10.2009, p. 32.
([2]) ĠU L 32, 6.2.2007, p. 183.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 141/2009

## tal-4 ta’ Diċembru 2009

## li temenda l-Anness IX (is-Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn ‘il quddiem ‘il-Ftehim’, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IX tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 106/2009 tat-22 ta’ Ottubru 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1289/2008 tat-12 ta’ Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 li jimplimenta d-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta’ elementi relatati mal-prospetti u r-reklami ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 29ba (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004) tal-Anness IX mal-Ftehim:

“— **32008 R 1289**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1289/2008 tat-12 ta’ Diċembru 2008 (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 17).”

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1289/2008 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta’ Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta’ Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

---

([1]) ĠU L 334, 17.12.2009, p. 3.
([2]) ĠU L 340, 19.12.2008, p. 17.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Partijiet Kontraenti dwar id-Deċiżjoni Nru 141/2009 li tinkorpora r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1289/2008 mal-Ftehim**

"ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1289/2008 tat-12 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 li jimplimenta d-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' elementi relatati mal-prospetti u r-reklami tagħhom fir-rigward ta' elementi relatati mal-prospetti u r-reklami tagħti lill-emitenti ta' pajjiżi terzi d-dritt li jippreżentaw it-tagħrif finanzjarju storiku tagħhom skont l-istandards tal-kontijiet definiti fih. L-inkorporazzjoni ta' dan ir-Regolament mingħajr ħsara għall-ambitu tal-Ftehim taż-ŻEE rigward ir-relazzjonijiet tal-pajjiż terz."

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 142/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 110/2009 tat-22 ta' Ottubru 2009 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/240/KE tal-4 ta' Marzu 2009 li tawtorizza lill-Istati Membri jadottaw ċerti derogi skont id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 13c (id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII mal-Ftehim:

", kif emendat minn:

— **32009 D 0240**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/240/KE tal-4 ta' Marzu 2009 (ĠU L 71, 17.3.2009, p. 23)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2009/240/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

([1]) ĠU L 334, 17.12.2009, p. 10.
([2]) ĠU L 71, 17.3.2009, p. 23.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 143/2009

## tal-4 ta’ Diċembru 2009

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 110/2009 tat-22 ta’ Ottubru 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2009 tat- 23 ta’ Jannar 2009 li jadatta għad-disa’ darba għall-progress tekniku r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta’ reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq ([2]), għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/4/KE tat-23 ta’ Jannar 2009 dwar il-kontromiżuri għall-prevenzjoni u għall-identifikazzjoni tal-manipulazzjoni tar-rekords tat-takografi, filwaqt li temenda d-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x’taqsam ma’ attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim

(4) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/5/KE tat-30 ta’ Jannar 2009 li temenda l-Anness III tad-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u (KEE) Nru 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x’taqsam ma’ attivitajiet tat-trasport bit-triq ([4]) kif korrett mill-ĠU L 256, 29.9.2009, p. 38, għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim

(5) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/60/KE tat-23 ta’ Jannar 2009 dwar il-linji gwida għall-aħjar prattika tal-infurzar rigward kontrolli ta’ tagħmir ta’ reġistrazzjoni li għandhom isiru permezz ta’ kontrolli fit-triq u minn garaxxijiet awtorizzati ([5]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XIII tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 21 (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85):

“— **32009 R 0068**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2009 tal-23 ta’ Jannar 2009 (ĠU L 21, 24.1.2009, p. 3).”

2. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 21a (id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“, kif emendat minn:

— **32009 L 0004**: id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/4/KE tat-23 ta’ Jannar 2009 (ĠU L L 21, 24.1.2009 p. 39),

([1]) ĠU L 334, 17.12.2009, p. 10.
([2]) ĠU L 21, 24.1.2009, p. 3.
([3]) ĠU L 21, 24.1.2009, p. 39.
([4]) ĠU L 29, 31.1.2009, p. 45.
([5]) ĠU L 21, 24.1.2009, p. 87.

— **32009 L 0005**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/5/KE tas-30 ta' Jannar 2009 (ĠU L 29, 31.1.2009, p. 45), kif korrett bil-ĠU L 256, 29.9.2009, p. 38,."

3. Il-punt li ġej għandu jiżdied wara l-punt 95 (ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2004/358/KE):

"96. **32009 H 0060**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/60/KE tat-23 ta' Jannar 2009 dwar il-linji gwidi għall-aħjar prattika tal-infurzar rigward kontrolli ta' tagħmir ta' reġistrazzjoni li għandhom isiru permezz ta' kontrolli fit-triq u minn garaxxijiet awtorizzati (ĠU L 21, 24.1.2009, p. 87)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 68/2009, id-Direttivi 2009/4/KE u 2009/5/KE, kif korretti permezz tal-ĠU L 256, 29.9.2009, p. 38, u r-Rakkomandazzjoni 2009/60/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 144/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 110/2009 tat-22 ta' Ottubru 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili ([2]) ġie inkorporat fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 99/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 ([3]) b'adattamenti speċifiċi għal kull pajjiż.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 483/2009 tad-9 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 820/2008 li jistabbilixxi miżuri għall-implimentazzjoni ta' standards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 66i (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 820/2008) fl-Anness XIII għall-Ftehim:

", kif emendat minn:

— **32009 R 0483**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 483/2009 tad-9 ta' Ġunju 2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 23)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 483/2009 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 334, 17.12.2009, p. 10
([2]) ĠU L 355, 30.12.2002, p. 1.
([3]) ĠU L 304, 19.11.2009, p. 14.
([4]) ĠU L 145, 10.6.2009, p. 23.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 145/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 110/2009 tat-22 ta' Ottubru 2009 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1356/2008 tat-23 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 593/2007 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni [2] għandu jiġi inkorporat f'dan il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 66s (ir-Regoalment tal-Kummissjoni (KE) Nru 593/2007) tal-Anness XIII tal-Ftehim:

" , kif emendat minn:

— **32008 R 1356**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1356/2008 tat-23 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 46)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1356/2008 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

---

(1) ĠU L 334, 17.12.2009, p. 10.
(2) ĠU L 350, 30.12.2008, p. 46.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 146/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness XVII (Proprjetà Intellettwali) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XVII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 56/2007 tat-8 ta' Ġunju 2007 (1).

(2) Id-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Ottubru 2008 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (Verżjoni kodifikata) (2) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva 2008/95/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE (3), li hi inkorporata fil-Ftehim u li sussegwentement hija mħassra skont il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XVII tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 4 (id-Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE) għandu jitħassar.

2. Dan il-punt li ġej għandu jkun miżjud wara l-punt 9 g (id-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"9h. **32008 L 0095**: Id-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 299, 8.11.2008, p. 25).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-addattamenti li ġejjin:

(a) fl-Artikolu 3(2), it-terminu 'liġi dwar it-trade mark' għandu jinftiehem bħala l-liġi dwar it-trade mark applikabbli għal Parti Kontraenti;

(b) fl-Artikoli 4(2)(a)(i), (2)(b) u (3), 9 u 14, id-dispożizzjonijiet dwar it-Trade Mark tal-Komunità m'għandhomx japplikaw għall-Istati tal-EFTA sakemm it-Trade Mark tal-Komunità ma tkunx estiża għalihom."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2008/95/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

(1) ĠU L 266, 11.10.2007, p. 17.
(2) ĠU L 299, 8.11.2008, p. 25.
(3) ĠU L 40, 11.2.1989, p. 1.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda htiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 147/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness XVIII (Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-liġi tax-xogħol u t-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XVIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 51/2009 tal-24 ta' April 2009 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi ([2]) għandha tiġi inkorporata mall-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jidħol wara l-punt 21b (Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XVIII tal-Ftehim:

"21c. **32004 L 0113**: Id-Direttiva 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija, (ĠU L 373 21.12.2004, p. 37).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għar-raġunijiet ta' dan il-ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Fl-Artikoli 5 u 17 ir-riferenzi għal '21 ta' Diċembru 2007' għandhom jinqraw '30 ta' Ġunju 2010'."

*Artikolu 2*

Ittesti tad-Direttiva 2004/113/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

([1]) ĠU L 162, 25.6.2009, p. 32.
([2]) ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37.
(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Partijiet Kontraenti dwar id-Deċiżjoni Nru 147/2009 li tinkorpora d-Direttiva 2004/113/KE fil-Ftehim**

"Id-Direttiva 2004/113/KE hija bbażata fuq l-Artikolu 13 tat-Trattat KE li kien introdott mill-ġdid permezz tat-trattat ta' Amsterdam u mhux rifless fil-Ftehim taż-ŻEE. L-inkorporazzjoni tad-Direttiva 2004/113/KE fil-Ftehim taż-ZEE hu bla ħsara għall-ambitu tal-Ftehim taż-ŻEE."

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 148/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 101/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 [1].

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/73/KE tas-17 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2007/589/KE fir-rigward tal-inklużjoni ta' linji gwida għall-monitoraġġ u r-rapportaġġ tal-emissjonijiet tal-ossidu nitruż [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/339/KE tas-16 ta' April 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2007/589/KE fir-rigward tal-inklużjoni ta' linji gwida dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet u data dwar it-tunnellati-kilometru mill-attivitajiet tal-avjazzjoni [3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Il-pjani ta' monitoraġġ ippreżentati minn operaturi ta' ajruplani lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-EFTA u approvati minn dawn tal-aħħar skont l-obbligi stipulati fid-Deċiżjoni 2009/339/KE se jitqiesu bħala approvati skont id-dispożizzjonijiet ta' Sezzjoni 6 tal-Anness XIV u s-Sezzjoni 3 tal-Anness XV tad-Deċiżjoni 2009/339/KE, u magħrufa bħala tali fl-implimentazzjoni tal-EU ETS għal attivitajiet tal-avjazzjoni.

(5) L-inkorprazzjoni tad-Deċiżjoni 2009/339/KE qabel l-inkorporazzjoni tad-Direttiva 2008/101/KE hija bla ħsara għall-proċeduri simili ta' inkorporazzjoni fil-futur u bla ħsara għal xi negozjati dwar adattamenti għad-Direttiva 2008/101/KE,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 21am (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/589/KE) fl-Anness XX mal-Ftehim:

"", kif emendat minn:

— **32009 D 0073**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/73/KE tas-17 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 24, 28.1.2009, p. 18),

— **32009 D 0339**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/339/KE tas-16 ta' April 2009 (ĠU L 103, 23.4.2009, p. 10)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2009/73/KE u 2009/339/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

(1) ĠU L 304, 19.11.2009, p. 18.
(2) ĠU L 24, 28.1.2009, p. 18.
(3) ĠU L 103, 23.4.2009, p. 10.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-5 ta' Diċembru 2009 jew fil-ġurnata wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*), liema data tkun l-aktar tard.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda htiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# Nru 149/2009

# tal-4 ta' Diċembru 2009

# li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 101/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiġi inkluż wara l-punt 21aqc (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1516/2007) tal-Anness XX tal-Ftehim:

"21ar. **32001 L 0081**: Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22), kif emendata minn:

— **1 03 T**: Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tal-Islovenja u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija mwaqqfa l-Unjoni Ewropea, adottat fis-16 ta' April 2003 (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

— **32006 L 0105**: Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/105/KE tal-20 ta' Novembru 2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 368).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-addattamenti li ġejjin:

(a) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 2:

"(f) għan-Norveġja, l-emissonijiet fit-territorju ta' Svalbard."

(b) Fejn jidħlu l-obbligi stipulati fl-Artikolu 4, il-limiti massimi nazzjonali li ġejjin, li għandhom jintlaħqu sas-sena 2010 mill-Istati EFTA għandhom jiżdiedu mal-Anness I:

| "Il-pajjiż | $SO_2$ Kilotunellati | $NO_x$ Kilotunellati | VOC Kilotunellati | $NH_3$ Kilotunellati |
|---|---|---|---|---|
| L-Iżlanda | 90 | 27 | 31 | 8 |
| Il-Liechtenstein | 0,11 | 0,37 | 0,86 | 0,15 |
| In-Norveġja | 22 | 156 | 195 | 23" |

([1]) ĠU L 304, 19.11.2009, p. 18.
([2]) ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22.

(c) It-test tal-Artikolu 6 (1) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"L-Istati EFTA għandhom, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2010, ifasslu programmi tal-emissjonijiet nazzjonali tal-inkwinanti msemmija fl-Artikolu 4 bil-għan li jkun hemm konformità mill-inqas mal-limiti nazzjonali tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness I sa mhux aktar tard mill-2010."

(d) It-test tal-Artikolu 6(3) m'għandux japplika.

(e) Is-sentenza li ġejja għandha tiddaħħal fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(2):

"Fejn jidħlu l-Istati EFTA, l-aħħar data li fiha huma għandhom jinfurmaw lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-paragrafu 4(a) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim taż-ŻEE, bil-programmi mfassla skont l-Artikolu 6(1) u (2) għandha tkun il-31 ta' Marzu 2010."

(f) Is-subparagrafu li ġej għandu jiddaħħal fl-Artikolu 8(3):

"Meta l-Kummissjoni u l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA, f'konformità mal-paragrafu 4(a) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim taż-ŻEE, jiskambjaw informazzjoni dwar il-programmi nazzjonali li jkunu ġew irċevuti mill-Istati Membri tal-UE jew mill-Istati EFTA rispettivament, il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni li tkun irċeviet mill-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA lill-Istati Membri tal-UE u l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandha tikkomunika l-informazzjoni li tkun rċeviet mill-Kummissjoni lill-Istati tal-EFTA, fi żmien xahar mindu din tkun waslet." "

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2001/81/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmula fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 150/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 101/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 308/2009 tal-15 ta' April 2009 li jemenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress speċifiku u tekniku, l-Annessi IIIA u VI għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vjaġġi ta' skart ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jinżied mal-punt 32c (ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XX li jinsab mal-Ftehim:

"— **32009 R 0308**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 308/2009 tal-15 ta' April 2009 (ĠU L 97, 16.4.2009, p. 8)."

*Artikolu 2*

It-testi għar-Regolament (KE) Nru 308/2009 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 73/2008 tas-6 ta' Ġunju 2008, skont liema data tkun l-iżjed tard.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

---

([1]) ĠU L 304, 19.11.2009, p. 18.
([2]) ĠU L 97, 16.4.2009, p. 8.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 151/2009

## tal-4 ta’ Diċembru 2009

## li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa ‘l quddiem “il-Ftehim”, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 113/2009 tat-22 ta’ Ottubru 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 250/2009 tal-11 ta’ Marzu 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-definizzjonijiet ta’ karatteristiċi, il-format tekniku għat-trażmissjoni tad-dejta, ir-rekwiżiti tal-irrappurtar doppju għan-NACE Rev. 1.1 u n-NACE Rev.2 u d-derogi li għandhom jingħataw għall-istatistika strutturali tan-negozji ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 251/2009 tal-11 Marzu 2009 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-serje ta’ dejta li għandha tiġi prodotta għall-istatistiċi strutturali tal-kummerċ u l-adattamenti meħtieġa wara l-klassifikazzjoni ta’ statistika tal-prodotti assoċjati mal-attività (CPA) ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2700/98 ([4]) u (KE) Nru 2702/98 ([5]), li huma inkorporati fil-Ftehim, huma mħassra mir-Regolament (KE) Nru 250/2009, filwaqt li d-dispożizzjonijiet tagħhom jibqgħu japplikaw rigward il-ġabra, il-kumpilazzjoni u t-trażmissjoni ta’ dejta għas-snin ta’ referenza sal-2007 b’din is-sena inkluża.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2701/98 ([6]), li hu inkorporat fil-Ftehim, hu mħassar mir-Regolament (KE) Nru 251/2009, filwaqt li d-dispożizzjonijiet tiegħu jibqa’ japplika rigward is-serje ta’ dejta li għandha tiġi trażmessa għas-snin ta’referenza sal-2007 b’din is-sena inkluża,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XXI tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 1 (ir-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“, kif emendat minn:

— **32009 R 0251**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 251/2009 tat-11 ta’ Marzu 2009 (ĠU L 86, 31.3.2009, p. 170).”

([1]) ĠU L 334, 17.12.2009, p. 15.
([2]) ĠU L 86, 31.3.2009, p. 1.
([3]) ĠU L 86, 31.3.2009, p. 170.
([4]) ĠU L 344, 18.12.1998, p. 49.
([5]) ĠU L 344, 18.12.1998, p. 102.
([6]) ĠU L 344, 18.12.1998, p. 81.

2. Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 1j (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1670/2003):

"1k. **32009 R 0250**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 250/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-definizzjonijiet ta' karatteristiċi, il-format tekniku għat-trażmissjoni tad-dejta, ir-rekwiżiti tal-irrappurtar doppju għan-NACE Rev. 1.1 u n-NACE Rev.2 u d-derogi li għandhom jingħataw għall-istatistika strutturali tan-negozji (ĠU L 86, 31.3.2009, p. 1)

1 l. **32009 R 0251**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 251/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-serje ta' dejta li għandha tiġi prodotta għall-istatistiċi strutturali tal-kummerċ u l-adattamenti meħtieġa wara l-klassifikazzjoni ta' statistika tal-prodotti assoċjati mal-attività (CPA) (ĠU L 86, 31.3.2009, p. 170).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

il-Liechtenstein hu eżentat mill-ġbir tad-dejta tas-serje tad-9C u 9D skont l-Anness 1. Il-Liechtenstein għandu jforni dejta tal-livell ta' tqassim tal-attività skont il-livell ta' żewġ ċifri biss ta' NACE Rev.2."

3. It-test ta' adattament li ġej għandu jiżdied mal-punti 1a (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2700/98) u 1c (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2702/98):

"Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 250/2009, dan ir-Regolament huwa mħassar. Id-dispożizzjonijiet għandhom, madankollu, ikomplu japplikaw fir-rigward tal-ġbir, tal-kumpilazzjoni u tat-trażmissjoni ta' dejta għas-snin ta' referenza sal-2007 b'din is-sena inkluża."

4. It-test ta' adattement li ġej għandu jiżdied fil-punt 1b (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2701/98):

"Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 251/2009, dan ir-Regolament huwa mħassar. Id-dispożizzjonijiet għandhom, madankollu, ikomplu japplikaw fir-rigward tas-serje ta' dejta li għandha tiġi trażmessa għas-snin ta' referenza sal-2007 b'din is-sena inkluża."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 250/2009 u 251/2009 fl-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 152/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 113/2009 tat-22 ta' Ottubru 2009 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2009/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar (Tfassil mill-ġdid) ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva 2009/42/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 95/64/KE ([3]), li hi inkorporata fil-Ftehim u li b'hekk hi mħassra skont il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

It-test tal-punt 7b (Direttiva tal-Kunsill 95/64/KE) fl-Anness XXI għall-Ftehim għandu jiġi mibdul b'li ġej:

"**32009 L 0042**: Id-Direttiva 2009/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 141, 6.6.2009, p. 29)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2009/42/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

---

([1]) ĠU L 334, 17.12.2009, p. 15.
([2]) ĠU L 141, 6.6.2009, p. 29.
([3]) ĠU L 320, 30.12.1995, p. 25.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru 153/2009**

**tal-4 ta’ Diċembru 2009**

**li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) u l-Protokoll 30 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistiċi mal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ ‘il-Ftehim’, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 113/2009 tat-22 ta’ Ottubru 2009 (1).

(2) Il-Protokoll 30 tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 90/2009 tat-3 ta’ Lulju 2009 (2).

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta’ dejta suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (3) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (4) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 (5), li huma inkorporati fil-Ftehim u li konsegwentement għandom jitħassaru taħt dan il-Ftehim.

(5) Ir-referenzi kollha għall-Kumitat tal-Pogramm Statistiku (KPS) fil-Protokoll 30 għall-Ftehim għandu jidbiddel b’referenza għall-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (KSEI),

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XXI għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) It-test tal-punt 17 (ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għandu jidbiddel b’dan li ġej:

(1) ĠU L 334, 17.12.2009, p. 15.
(2) ĠU L 277, 22.10.2009, p. 43.
(3) ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.
(4) ĠU L 304, 14.11.2008, p. 70.
(5) ĠU L 52, 22.2.1997, p. 1.

"**32009 R 0223:** ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' dejta suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164)."

(2) It-test tal-punt 17a (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97) għandu jitħassar.

*Artikolu 2*

Il-Protokoll 30 għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) It-test tal-Artikolu 1(6) għandu jidbiddel b'dan li ġej:

"Il-ġestjoni tal-istatistika mill-Istati tal-EFTA għandhom jiġu rregolati mir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-istatistiċi Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164)."

(2) Il-kliem "Kumitat tal-Pogramm Statistiku (KPS)" fl-Artikolu 1(1) għandu jidbiddel bil-kliem "Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (KSEI)".

(3) Il-kliem "KPS/ŻEE" fl-Artikolu 1(1) u 1(7) għandu jidbiddel bil-kliem "KSEI/ŻEE".

*Artikolu 3*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda htiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 154/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 113/2009 tat-22 ta' Ottubru 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 646/2009 tat-23 ta' Lulju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għixien (UE-SILC) fir-rigward tal-lista tal-2010 ta' fatturi varjabbli sekondarji fil-mira dwar il-qsim ta' riżorsi intra-familjari ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 707/2009 tal-5 ta' Awwissu 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u l-investiment dirett barrani, fir-rigward tal-aġġornament tar-rekwiżiti ta' dejta ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/498/KE tat-23 ta' Ġunju 2009 dwar metadejta ta' referenza għas-Sistema Ewropea tal-Istatistika ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XXI tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara punt 18x (Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 362/2008):

"18xa. **32009 R 0646**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 646/2009 tat-23 ta' Lulju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għixien (UE-SILC) fir-rigward tal-lista tal-2010 ta' fatturi varjabbli sekondarji fil-mira dwar il-qsim ta' riżorsi intra-familjari (ĠU L 192, 24.7.2009, p. 3)."

2. Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 19s (ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32009 R 0707**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 707/2009 tal-5 ta' Awwissu 2009 (ĠU L 204, 6.8.2009, p. 3)."

([1]) ĠU L 334, 17.12.2009, p. 15.
([2]) ĠU L 192, 24.7.2009, p. 3.
([3]) ĠU L 204, 6.8.2009, p. 3.
([4]) ĠU L 168, 30.6.2009, p. 50.

3. Il-punt li jmiss se jiddaħħal wara l-punt 17c (Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2005/217/COM):

"17d. **32009 H 0498**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/498/KE tat-23 ta' Ġunju 2009 dwar metadejta ta' referenza għas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 50)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 646/2009 u (KE) Nru 707/2009 u r-Rakkomandazzjoni 2009/498/KE, fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 155/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 113/2009 tat-22 ta' Ottubru 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 834/2009 tal-11 ta' Settembru 2009 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-Komunità fuq l-istruttura u l-attività tal-affiljati barranin, f'dak li għandu x'jaqsam mar-rapporti tal-kwalità ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 19xa (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 364/2008) tal-Anness XXI mal-Ftehim:

"19xb. **32009 R 0834**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 834/2009 tal-11 ta' Settembru 2009 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-Komunità fuq l-istruttura u l-attività tal-affiljati barranin, f'dak li għandu x'jaqsam mar-rapporti tal-kwalità (ĠU L 241, 12.9.2009, p. 3)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) 834/2009 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

([1]) ĠU L 334, 17.12.2009, p. 15.
([2]) ĠU L 241, 12.9.2009, p. 3.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 156/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 113/2009 tat-22 ta' Ottubru 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 543/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istatistika tal-għelejjel u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 u (KEE) Nru 959/93 ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-ftehim.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 543/2009 jħassar, b'effett mill-1 ta' Jannar 2010, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 ([3]) u (KEE) Nru 959/93 ([4]), li huma inkorporati fil-Ftehim u li għalhekk se jiġu konsegwentament imħassra taħt il-Ftehim b'effett mill-1 ta' Jannar 2010,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XXI tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Il-Punti 24 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90) u 24a (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 959/93) għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-punti 24a u 24aa rispettivament.

(2) Il-punt li ġej għandu jiddaħħal qabel il-punt il-ġdid 24a:

"24. **32009 R 0543**: ir-Regolament (KE) Nru 543/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istatistika tal-għelejjel u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 u (KEE) Nru 959/93 (ĠU L 167, 29.6.2009, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Il-Liechtenstein hija eżentata milli tiġbor id-dejta meħtieġa minn dan ir-Regolament;"

(3) It-test tal-punti l-ġodda 24a (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90) u 24a (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 959/93) għandu jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.

*Artikolu 2*

It-testi għar-Regolament (KE) Nru 543/2009 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 334, 17.12.2009, p. 15.
([2]) ĠU L 167, 29.6.2009, p. 1.
([3]) ĠU L 88, 3.4.1990, p. 1.
([4]) ĠU L 98, 24.4.1993, p. 1.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda htiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 157/2009

## tal-9 ta' Marzu 2010

## li temenda l-Anness XXII (il-liġi tal-Kumpaniji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXII ta' mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 116/2009 tat-22 ta' Ottubru 2009 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2009/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE dwar ċerti rekwiżiti ta' żvelar għal kumpaniji ta' daqs medju u l-obbligu tal-preparazzjoni tal-kontijiet konsolidati ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punti 4 (Ir-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE) u 6 (Is-Seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE) tal-Anness XXII għall-Ftehim:

"— **32009 L 0049**: Id-Direttiva 2009/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 (ĠU L 164, 26.6.2009, p. 42)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2009/49/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

([1]) ĠU L 334, 17.12.2009, p. 15.
([2]) ĠU L 164, 26.6.2009, p. 42.
(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 158/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Anness XXII (il-liġi tal-Kumpaniji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXII ta' mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 116/2009 tat-22 ta' Ottubru 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 636/2009 tat-22 Lulju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Interpretazzjoni 15 tal-Kumitat għall-Interpretazzjonijiet Internazzjonali dwar ir-Rapportar Finanzjarju (IFRIC) ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 10ba (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008) tal-Anness XXII tal-Ftehim:

"— **32009 R 0636**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 636/2009 tat-22 ta' Lulju 2009 (ĠU L 191, 23.7.2009, p. 5)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 636/2009 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

([1]) ĠU L 334, 17.12.2009, p. 19.
([2]) ĠU L 191, 23.7.2009, p. 5.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 159/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li jemenda l-Protokoll 31, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet, u l-Protokoll 37 tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 u 101 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 94/2009 tat-3 ta' Lulju 2009 ([1]).

(2) Il-Protokoll 37 tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 94/2009 tat-3 ta' Lulju 2009 ([2]).

(3) Huwa xieraq li tkun estiża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti fil-Ftehim biex tiġi inkluża d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/334/KE tal-20 ta' April 2009 li twaqqaf grupp ta' esperti dwar is-sigurtà tas-sistemi GNSS Ewropej ([3]).

(4) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu jiġi emendat sabiex jippermetti li din il-kooperazzjoni estiża sseħħ.

(5) Sabiex il-Ftehim jaħdem sew, il-Protokoll 37 tal-Ftehim għandu jiġi estiż biex jinkludi l-grupp ta' esperti dwar is-sigurtà tas-sistemi GNSS Ewropej mwaqqfa bid-Deċiżjoni 2009/334/KE, u l-Protokoll 31 għandu jiġi emendat sabiex jispeċifika l-proċeduri ta' assoċjazzjoni ma' dan il-Grupp,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-paragrafu 8a tal-Artikolu 1 (Riċerka u żvilupp tekniku) tal-Protokoll 31 għandi jiġi emendat kif ġej:

1. L-addattamenti (d) u (e) għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala addattamenti (e) u (f) rispettivament.

2. Din l-adattazzjoni l-ġdida li ġejja (d) għandha tiddaħħal wara l-adattazzjoni (c):

"(d) Il-modalitajiet għall-assoċjazzjoni tal-Istati EFTA skont l-Artikolu 101 tal-Ftehim:

Kull Stat EFTA jista', skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/334/KE (*), jaħtar persuna biex tipparteċipa bħala membru sħiħ fil-laqgħat tal-grupp ta' esperti dwar is-sigurtà tas-sistemi GNSS Ewropej (Il-Bord ta' Sigurtà għas-Sistemi GNSS Ewropej).

Il-Kummissjoni Ewropea għandha, fi żmien xieraq, tgħarraf lill-parteċipanti bid-dati tal-laqgħat tal-grupp u tittrasmettilhom id-dokumentazzjoni relevanti.

(*) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/334/KE tal-20 ta' April 2009 (ĠU L 101, 21.4.2009, p. 22)."

([1]) ĠU L 277, 22.10.2009, p. 50.
([2]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.
([3]) ĠU L 101, 21.4.2009, p. 22.

*Artikolu 2*

Il-punt li ġej għandu jkun inserit fil-Protokoll 37 (li fih il-lista li jipprovdi għaliha l-Artikolu 101) mal-Ftehim:

"32. Il-Bord ta' Sigurtà għas-Sistemi GNSS Ewropej (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/334/KE)."

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim. (*)

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda htiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 160/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 92/2009 tat-3 ta' Lulju 2009 ([1]).

(2) Huwa xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim sabiex jiġi inkluż ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jistabilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-post tax-Xogħol ([2]), kif emendat mir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nri 1643/95 ([3]), 1654/2003 ([4]), u 1112/2005 ([5]).

(3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din l-estensjoni ta' kooperazzjoni tkun tista' sseħħ mill-1 ta' Jannar 2010,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 5 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"11. (a) L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ fl-l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq ix-Xogħol minn hawn 'il quddiem imsejjħa "Aġenzija", kif stipulat fl-att tal-Komunità li ġej:

— **31994 R 2062**: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq ix-Xogħol (ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1), kif emendat bi:

— **31995 R 1643**: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1643/95 tad-29 ta' Ġunju 1995 (ĠU L 156, 7.7.1995, p. 1),

— **32003 R 1654**: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1654/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003 (ĠU L 245, tad-29.9.2003, p. 38),

— **32005 R 1112**: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1112/2005 tas-24 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 184, 15.7.2005, p. 5).

(b) L-Istati tal-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-attivitajiet riferiti fil-(a) skont l-Artikolu 82(1)(a) u l-Protokoll 32 tal-Ftehim.

(c) L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-Bord Amministrattiv u fi ħdanu għandu jkollhom l-istess drittijiet u obligazzjonijiet bħall-Istati Membri tal-UE ħlief għad-dritt għall-vot.

([1]) ĠU L …
([2]) ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1.
([3]) ĠU L 156, 7.7.1995, p. 1.
([4]) ĠU L 245, 29.9.2003, p. 38.
([5]) ĠU L 184, 15.7.2005, p. 5.

(d) L-Istati tal-EFTA għandhom, fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 160/2009 tal-4 ta' Diċembru, jinformaw lill-Aġenzija bl-elementi komponenti ewlenin tan-netwerks ta' informazzjoni nazzjonali dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol kif provdut fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2062/94, kif sussegwentement emendat.

(e) L-Istati tal-EFTA għandhom b'mod partikolari, fil-perjodu stipulat fil-punt (d), jinnominaw l-istituzzjonjiet għall-koordinament u/jew għat-trażmissjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi provduta fuq livell nazzjonali lill-Aġenzija.

(f) L-Istati tal-EFTA għandhom ukoll jinfurmaw lill-Aġenzija bl-ismijiet tal-istituzzjonijiet stabbiliti fit-territorju nazzjonali tagħhom li jistgħu jikkooperaw magħhom fuq ċerti suġġetti ta' interess partikolari, u għalhekk jaġixxu bħala ċentri tematiċi tan-netwerk.

(g) Fi żmien tliet xhur minn meta jirċievi l-informazzjoni msemmija f'(d), (e) u (f), il-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija għandu jagħmel reviżjoni tal-elementi ewlenin tan-netwerk sabiex iqis il-parteċipazzjoi tal-Istati tal-EFTA.

(h) L-Aġenzija għandu jkollha personalità legali. Hija għandha tgawdi fil-Partijiet Kontraenti kollha l-kapaċità l-iktar wiesgħa mogħtija lill-persuni legali skont il-liġijiet tagħhom.

(i) L-Istati tal-EFTA għandhom japplikaw lill-Aġenzija u lill-impjegati tagħha l-Protokoll dwar l-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Kominitajiet Ewropej.

(j) Permezz ta' deroga mill-Artikolu 12(2)(a) tal-Kundizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej kif stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 (*), ċittadini tal-Istati tal-EFTA li qegħdin igawdu d-drittijiet kollha tagħhom bħala ċittadini jistgħu jiġu ingaġġati permezz ta' kuntratt mid-Direttur tal-Aġenzija.

(k) Bis-saħħa tal-Artikolu 79(3) tal-Ftehim, Taqsima VII (Dispożizzjonijiet Istituzzjonali) tal-Ftehim għandu japplika għal dan il-paragrafu.

(l) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (**), għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2062/2004, għandu japplika wkoll għal kull dokument tal-Aġenzija rigward l-Istati tal-EFTA.

(*) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.
(**) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43"

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, ir-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

(*) Hemm indikati rekwiżiti konstituzzjonali.

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 139/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 33

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 140/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE** ..... 34

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 141/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness IX (is-Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 35

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 142/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 37

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 143/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 38

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 144/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 40

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 145/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 42

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 146/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness XVII (Proprjetà Intellettwali) għall-Ftehim taż-ŻEE** ..... 43

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 147/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness XVIII (Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-liġi tax-xogħol u t-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE** ..... 45

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 148/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 47

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 149/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 49

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 150/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 51

MT

*Avviż lill-qarrejja (ara paġna 3 tal-qoxra)*

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 151/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE** ..... 52

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 152/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE** ..... 55

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 153/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) u l-Protokoll 30 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistiċi mal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 56

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE** ..... 58

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 155/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE** ..... 60

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 156/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 61

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 157/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness XXII (il-liġi tal-Kumpaniji) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 63

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 158/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness XXII (il-liġi tal-Kumpaniji) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 64

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 159/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li jemenda l-Protokoll 31, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet, u l-Protokoll 37 tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 65

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 160/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet** ..... 67

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i<br>tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT